**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar numru 69, miżmuma nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru 2018 fil- 17.30, ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar.**

Il-Laqgħa bdiet fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija.

---

**Membri Preżenti:**

- Anne Fenech — Sindku
- Daniel Grima — Vici Sindku
- Graziella Galea — Kunsillier
- Alfred Grima — Kunsillier
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Dounia Borg — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier

**Membri Skużati:**

- Mandy Buhagiar — Kunsillier
- Rodney Galea — Kunsillier
- Joseph Vella — Kunisllier
- Robert Piscopo — Kunsillier
- Edward Bugeja — Kunsillier

Segretarju Eżekuttiv – Mariella Strout

# Minuti 69

## 69.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

Is-Sindku Anne Marie Fenech qrat l-ittri tal-apologija tal-Kunsilliera: Mandy Buhagiar, Rodney Galea, Joseph Vella, Robert Piscopo u Edward Bugeja.

## 69.2 <u>Triq il -Kaħli</u>

- Intbaghtet imejl min naha tal-perit Robert Sant
- Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li l-BOQs gew memghuza maghha
- Is-Sindku qalet li l-perit bagħat n-noti tieghu / Punti (L-punti jinkludu – specifikazzjonijiet relatati max-xoghol fuq triq il-Kaħli u l-komplikazzjonijiet li nqalaw matul t-twettieq tax xogħol / huwa suggerit li l pjaniniet tax-xoghol jinbidlu minhabba dawn l-komplikazzjonijiet)
- L-perit jinkludi s-suggerimenti fl-imejl
- Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hemm verzjoni antika tal-BOQ, pero trid ssir stima gdida
- Il-Kunsillier Paul Bugeja qal li ssejhet laqgha u qas ghandna BOQ. Ha nivvotaw fuq xi haga minghajr ma nafu l fatti kollha.
- Tqajjem punt min diversi nies dwar l budget u spejjez tat-triq koncernata.
- Il-Kunsilliera Graziella Galea fakkret li hemm ukoll fondi tal-kunsill li jistaw jigu utilizzati
- Il-Kunsillier Alfred Grima sostna li din t-triq giet approvata wara mozzjoni pprezentata minnu. Qal li aħna qedin hawn minħabba decizjonijiet li ma ttiehdux. Ghamel xahar jibghat imejls u ma inghata l ebda risposta. Talab li

l-kopja tal imejls tigi megħmuza mal-minuti. Insista biex jkollu kopja tar-rapport tal-accountant u l-BOQ mill-perit. Hu ingħata figura ta madwar 698,000 u l-figuri llum nbiddlu drastikament ghal 55,000, li tinkwetah.

- Il-Vici Sindku Daniel Grima qal li s-sindku kkuntatjatu biex jistaqsi xi domandi relatati ma triq l-kahli u staqsietu jaghmel kuntatt mieghek (Il-kunsillier Alfred Grima).
- Il-kunsillier Paul Bugeja qal li jippreferi jigi infurmat mis-sindku.
- Sindku qalet li stenniet li il-Vici Sindku Daniel Grima, bhala membru tal-bord tal-infrastruttura, kellu jikkuntatja lil Alfred Grima.
- Il-kunsillier Alfred Grima irid jrid jamilha cara li hu qatt ma ltaqa mal-kuntrattur tal-patching kif Allegat pubblikament is-Sindku'. Jitlob li s-sindku officjalment tiddikjara dan.
- Il-kunsillier Paul Bugeja qal li l-kuntrattur ma kienx prezenti ghal dawn l-laqghat.
- Il-kunsilliera Graziella Galea qalet li rridu niddeciedu fuq s-sigurta tat-triq.
- Il-kunsillier Paul Bugeja qal li dawn l-problemi qamu wara li nbeda x-xoghol.
- Il-kunsillier Paul Bugeja staqsi jekk ghat-toroq, ghadx hemm 55k?
- Is-Segretarju Ezekuttiv tenniet li jrid jkun hemm xi zball bilfors.
- Il-kunsillier Alfred Grima qal li fl-ewwel meeting, hu insista li dawn l-verifiki tat-toroq jsiru min qabel.
- Il-Vici Sindku Daniel Grima qal li qas nafu butna stess kemm jesgha.
- Il-kunsilliera Graziella Galea qalet li zgur ghandna bizzejjed fondi biex nhallsu dawn x-xogholijiet tat-triq.

- L-accountant qalet li għandna 300,000 euro budget, li jeskludu flus li għad jridu jithallsu.
- Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li Triq San Pawl giet mhallsa f'Settembru
- Il-kunsillier Alfred Grima qal li meta kien staqsa l-accountant, ssemmiet cifra ta 700k. Din issa nizlet ghal 55k u issa qed nsemmu 300k
- L-Accountant qalet li l-figura ta' 300k hija ghal 2018.
- Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li fil-quarterly, Triq il- Kahli biss kien baqa.
- Il-kunsillier Alfred Grima qal li kieku kellna 300k bagit, u dawn waqghu ghal 55k, xi pagamenti zgur saru.
- Il-kunsillier Alfred Grima qal li jifhem li s-SE m'ghandiex tort dwar n-nuqqas ta BOQs f'dan l-meeting.
- Il-kunsillier Paul Bugeja fakkar li hawn hsarat madwar San Pawl kollu.
- Il-Kunsillier Alfred Grima qal li r-responsabilita taqa fuq is-Sindku u is-SE
- Il-kunsillier Paul Bugeja sostna li ahna hloqna l-periklu bla intenzjoni hazina. Issa rridu nkunu nafu kemm tiswa biex tissewwa. Ghandna toroq fi stat hazin madwar l-lokalita kollha.
- Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li ghadna rridu napplikaw ghal dawn l fondi.
- Il-kunsilliera Graziella Galea qalet li s-Segretarju Ezekuttiv trid tikteb lill PA immedjatament sabiex taccessa l-fondi. Rridu nindirizzaw b'mod immedjat is-sigurta tat-toroq u l hsarat l ohra.
- Il-kunsillier Paul Bugeja qal li l-fondi ta' 700 elf mhux ha jkunu accessibli jekk t-toroq ma jsirux sew.
- Il-kunsillier Alfred Grima  jipproponi li niktbu lill-ministeru immedjatament dwar il fondi li kien hemm diġa ftehim dwarhom.

- Is-Segretarju Ezekuttiv staqsiet jekk tistax tibghat kopja tal-BOQs bl-imejl. (Kulhadd qabel)
- Il-Kunsillier Graziella Galea ħarġet bi proposta li issir it-triq mil-ġdid hekk kif miktub fl-imejl mil-Perit Robert Sant qabel "il-Kunsil approva".
- Gie mistoqsi x'ser jsehh fuq triq id-duluri?

  - Tmiem

<IFFIRMATA>

____________________________

Anne – Marie Fenech
Sindku

<IFFIRMATA>

____________________________

Mariella Strout
Segretarju Ezekuttiv